**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**
73, Triq Sana Maria, Ħal Tarxien. TXN 1704
Tel: 21666688, 21666777
Email: tarxien.lc@gov.mt
Web: www.tarxienlc.com

Minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' ghas-sena 2021, li nzammet 73, Triq Santa Marija Ħal Tarxien, nhar L-Erbgha 14 ta' April 2021, fis-7:30 am.

**Prezenti :**

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku *(Virtwalment)*
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier *(Virtwalment)*
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier *(Virtwalment)*

**Ufficjal Prezenti:**

Emma Vella – Segretarju Ezekuttiv

**01** **Qari tal-minuti tal-ahhar laqgha**

01/01 Is-Sindku qara l-minuti ta' l-ahhar laqgha hekk kif mitlub fl-Att dwar il-Gvern Lokali (KAP 363) Artiklu 70, u ta' spjegazzjoni ghalfejn isiru dawn il-laqghat flimkien mar-residenti, filwaqt li ta' ringrazjament lil kull min qe isegwi l-laqgha virtwalment minhabba l-pandemija.

**02** **Prezentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv-2020**

02/01 Is-Sindku prezenta r-Rapport Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2020 u spjega l-hidma li saret mill-Kunsilliera skond id-dekasteri taghhom.

**03** **Prezentazzjoni tal-Estimi finanzjarji għall-2021**

03/01 Is-Sindku prezenta l-Estimi Finazjarji tal-Kunsill Lokali u spjega l-oggettivi tal-Kunsill sabiex li filwaqt li l-Finanzi jibqghu jitjiebu il-Kunsill jibqgha ghaddej bil-hidma kontinwa lejn il-lokalita'.

**04** **Prezentazzjoni tal- Pjan ta' Ħidma**

04/01 Is-Sindku prezenta l-Pjan ta' Hidma ghas-sena 2021 u spjega li apparti mix-xoghol ta' servizzi li l-Kunsill obbligat li jipprovdi se jsiru xogholijiet ohra ta' manutenzjoni u tisbieh fil-gonna pubblici, tibdil ta' tabelli u hafna aktar. Is-Sindku kompla jispjega li se jsiru progetti varji permezz tal- applikazzjonijet ghall- skemi mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ghajnuna finanzjarja mir-Regjun, flimkien ma fondi tal-EU. Is-Sindku semma il-progetti tar-*Reach Out Centre-Community Hall*, l-iskema tal-*LC Care*, il-Progett *Slow Streets*, il-progett tal-VR li se jkunu mplimentati fis-sena 2020 u habbar li hemm hafna aktar progetti li qieghdin fil-process tal-applikazzjoni. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jitkelmu fuq ix-xogholijiet li gew imwettqa fid-dekasteru taghhom.

05 **Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-pubbliku**

05/01 **Suggeriment** – Sabiex isiru aktar Doggy Bins fil-lokalita', specjalment fl-akwata ta' San Anard x'imkien fejn il-Mincott u l-Convenience Store fuq il-bankina l-wiesgha fejn il-Bus Stop San Xmun.

*Is-Sindku wiegeb li se jigu nstallati Doggy Bins f'akwati differenti tal-lokalita'.*

05/02 **Mistoqsija / Ilment** – Resident spjega li t-Traffic Management kurrenti f' tal-Barrani qed ikun ta ntopp ghar-residenti.Minhabba l-gheluq tal-access lejn il-Gudja r-residenti qed ikollom johorgu minn gol-lokalita' billi jaqsmu minn Triq San Anard (Tal-Barrani), li hija perikoluza hafna peress li ma hemx *Traffic Lights* u trid taqsam zewg *lanes*. Mill-banda l-ohra residenti li kienu juzaw l-access ta Triq San Anard qed ikollom iduru mar-*roundabout* ta Santa Lucija.

Ir-resident spjega li rridu nzommu f'mohhna li hemm hafna residenti li jahdmu fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far u l-Freeport, ghaldqastant l-inkonvenjenza hija fuq bazi ta' kuljum fejn ix-xogholijiet kurrenti fejn l-Ajruport se jigu ghar.

Ir-resident qal li filwaqt li japrezza il-fatt li dan sar bhala esperimrnt minn Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni ghall-divjazzjoni tat-traffiku ahjar, nippretendi li l-Kunsill Lokali taghna jintervjeni u jkun il-vuci tat-thassib taghna.

*Is-Sindku wiegeb li wara diskussjonijiet li kellu l -Kunsill Lokali ma' Transport Malta, d-devjazzjoni tat-traffiku fi Triq San Anard se tinbidel sabiex il-fluss tat-traffiku jigi f'direzzjoni wahda u jitnaqqas il-periklu.*

05/03 **Suggeriment / Ilment** – Resident li jabita go Triq tal-Barrani informa lill-Kunsill li qed jigi nnutat li kemm ilhom li tnehhew it-*traffic lights* zdiedet hafna l-velocita tas-sewqan ghalhekk qed jirrakomanda li jsiru *speed cameras* sabiex jigi evitat xi incident.

Ir-resident ghamel it-tieni punt fejn indika li d-dahla tal-lokalita giet maghluqa kompletament u ma' taghmilx sens. Ir-resident spjega li din inghlqet sabiex it-traffiku minn naha tal-Marsa jibqgha sejjer dritt ghaz-Zejtun u ma tajnix kaz tar-residenti ta' Ħal Tarxien. Ir-resident informa l-Kunsill li qabel min jigi minn naha tal-Ajruport kien jinzel mit-Triq tas-Scotts u tidhol minn Ħal Tarxien imma issa trid tghaddi minn Triq Ħal Luqa jew inkella tghaddi mit-Triq tas-Scotts u terga' titla t-telgha kollha tal-Barrani. Ir-resident qal li din mhux efficenti u jixtieq li bhala Kunsill li dejjem emmint fih jifhem u jaqbez ghad-dritt tar-resident.

*Is-Sindku wiegeb li se jorganizza laqgha ma Transport Malta u Infrastructure Malta sabiex jiddskuti din il-materja.*

05/04 **Suggeriment** – Resident issugerixxa dan li gej :

- Isir centru fejn jinghata servizz ta' ghajnuna mill-puluzija, avukati u social workers;
- lill-vittmi bhal anzjani (li ghadhom jahdmu) u nies b'dizabbilità li jsofru minn abbuzi u ingustizzji fuq il-post tax-xoghol;
- Biex ikun hemm hin allokat b'appuntament halli dawn in-nies jinghataw l-ghajnuna f'centru fil-lokalita taghhom stess u mhux imorru fl-ghassa tal-puluzija fejn hafna drabi ma jkunux komdi jitkellmu.

*Is-Sindku wiegeb li se jaghmel minn kollox sabiex jghin biex dan is-servizz jibda jinaghta u se jkun qed jorganizza tahdidiet mal-entitajiet koncernati.*

05/03 Is-Sindku irringrazzja r-residenti li ghogbhom isegwu l-Laqgha Annwali Generali virtwalment u kif ukoll wera apprezzament tal-artecipazzjoni minn qabel fejn intbaghtu mistoqsijiet, ilmeti u suggerimenti. Is-Sindku heggeg sabiex jekk ikun hemm aktar suggerimenti u mistoqsijiet dawn jistghu jintbghatu fuq l-emejl tal-Kunsill taxien.lc@gov,mt jew fuq il-linja telefonika 21666688.

Il-laqgha spiccat fit- 8.30pm.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Ezekuttiv